**197. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

## MOZZJONI DWAR DOKUMENTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-FTEĦIM BEJN IL-KOMMUNITA' EWROPEA U MALTA

Peress li l-Kap tal-Oppożizzjoni mar igħid fil-beraħ li l-Gvern qed jaħbi xi dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim bejn il-Kommunità Ewropea u Malta, din il-Kamra waqt li tapprova l-għemil tal-Gvern f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kommunità Ewropea, u wara li l-Gvern ifiehem il-kontenut tad-dokumenti, tiddeċiedi li kopja tal-istess dokumenti titqiegħed fuq il-Mejda.

**25.07.1979**

**Emenda ppreżentata mill-Kap tal-Oppożizzjoni fis-seduta 308 tal-1 ta' Awwissu 1979**

Emenda proposta mill-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami, għall-Mozzjoni Nru 197 imressqa mill-Prim Ministru:

Ħassar il-kliem kollu li jiġi wara l-kliem "Peress li l-Kap tal-Oppożizzjoni mar igħid fil-beraħ li" u daħħal flokhom dan li ġej:

> "huwa fl-interess ta' Malta li jinfetħu negozjati mal- Kommunità Ewropea biex jekk jinkisbu kundizzjonijiet xierqa Malta ssir membru sħiħ tal-Kommunità Ewropea; u peress li l-Gvern preżenti fit-tmien snin li għaddew ma mexiex b'politika li trid twassal għal din l-għaqda sħiħa mal-Kommunità Ewropea u jidher li ma għandu ebda politika alternattiva li tista' tkun ta' ġid għall-poplu Malti, din il-Kamra taqbel mad-dikjarazzjoni fuq imsemmija magħmula mill-Kap tal-Oppożizzjoni f'isem il-Partit Nazzjonalista u titlob lill-Gvern biex kemm fil-qasam ekonomiku kif ukoll fil-qasam politiku jwettaq politika li twassal għall-għaqda mal-Kommunità Ewropea."

**01.08.1979**

***L-emenda ma għaddietx.***

***Il-mozzjoni għaddiet.***